Verżjoni Elettronika

*Suppliment tal-Gazzetta tal-Gvern ta' Malta, Nru. 21,001, 3 ta' Frar, 2023*
*Taqsima A*

# MALTA

**ATT Nru II tal-2023**

ATT maħruġ b'liġi mill-Parlament ta' Malta.

**ATT sabiex jemenda l-Att dwar Standards fil-Ħajja Pubblika, Kap. 570.**

**ACT No. II of 2023**

AN ACT enacted by the Parliament of Malta.

**AN ACT to amend the Standards in Public Life Act, Cap. 570.**

Verżjoni Elettronika



Nagħti l-kunsens tiegħi.

(L.S.) **GEORGE VELLA**
**President**

3 ta’ Frar, 2023

**ATT Nru II tal-2023**

*ATT sabiex jemenda l-Att dwar Standards fil-Ħajja Pubblika, Kap. 570.*

IL-PRESIDENT, bil-parir u l-kunsens tal-Kamra tad-Deputati, imlaqqgħa f’dan il-Parlament, u bl-awtorità tal-istess, ħareġ b’liġi dan li ġej:-

**1.** It-titolu fil-qosor ta’ dan l-Att hu l-Att tal-2023 li jemenda l-Att dwar Standards fil-Ħajja Pubblika u dan l-Att għandu jinqara u jinftiehem ħaġa waħda mal-Att dwar Standards fil-Ħajja Pubblika, hawn iżjed ’il quddiem imsejjaħ "l-Att prinċipali" Titolu fil-qosor. Kap. 570.

**2.** Il-proviso għall-artikolu 4 tal-Att prinċipali għandu jiġi sostitwit b’dawn il-provisos ġodda li ġejjin: Emenda tal-artikolu 4 tal-Att prinċipali.

"Iżda jekk ir-Riżoluzzjoni meta titqiegħed għall-vot ma jkollhiex is-sostenn tal-voti ta’ mhux inqas minn żewġ terzi tal-membri kollha tal-Kamra, għandu jittieħed it-tieni vot fuq ir-Riżoluzzjoni mhux aktar kmieni minn sebat (7) ijiem mill-ewwel vot li jkun ukoll jeħtieġ il-voti ta’ mhux inqas minn żewġ terzi

Verżjoni Elettronika



tal-membri kollha tal-Kamra, u jekk fit-tieni vot ir-Riżoluzzjoni ma jkollhiex is-sostenn tal-voti ta' mhux inqas minn żewġ terzi tal-membri kollha tal-Kamra, għandu jittieħed it-tielet vot fuq ir-Riżoluzzjoni mhux aktar kmieni minn sebat (7) ijiem mit-tieni vot u fl-imsemmi tielet vot ir-Riżoluzzjoni għandha tkun approvata diment li jkollha s-sostenn tal-maġġoranza tal-voti tal-membri kollha tal-Kamra, u f'dan il-każ il-President ta' Malta għandu jaġixxi skont ir-Riżoluzzjoni kif approvata:

Iżda wkoll jekk ikun se jittieħed it-tieni jew it-tielet vot, kandidati ġodda għall-kariga ta' Kummissarju jkunu jistgħu jiġu nominati, b'emenda għall-mozzjoni oriġinali, flimkien ma' jew minflok kwalunkwe kandidati nominati oħra, qabel it-teħid tat-tieni u qabel it-teħid tat-tielet vot:

Iżda wkoll meta persuna li ma tkunx membru tal-Kamra tiġi eletta bħala Speaker tal-Kamra, l-imsemmija persuna ma għandhiex titqies li tkun membru tal-Kamra bil-għan li tiġi stabbilita l-maġġoranza meħtieġa b'dan l-artikolu.".

---

Mgħoddi mill-Kamra tad-Deputati fis-Seduta Nru 82 tat-30 ta' Jannar, 2023.

ANĠLU FARRUGIA
*Speaker*

RAYMOND SCICLUNA
*Skrivan tal-Kamra tad-Deputati*

Verżjoni Elettronika



I assent.

**(L.S.)** **GEORGE VELLA**
**President**

3rd February, 2023

**ACT No. II of 2023**

*AN ACT to amend the Standards in Public Life Act, Cap. 570.*

BE IT ENACTED by the President, by and with the advice and consent of the House of Representatives, in this present Parliament assembled, and by the authority of the same as follows:-

**1.** The short title of this Act is the Standards in Public Life (Amendment) Act, 2023 and this Act shall be read and construed as one with the Standards in Public Life Act, hereinafter referred to as "the principal Act". Short title. Cap. 570.

**2.** The proviso to article 4 of the principal Act shall be substituted by the following new provisos: Amendment of article 4 of the principal Act.

"Provided that if the Resolution when put to the vote is not supported by the votes of not less than two-thirds of all the members of the House, a second vote on the Resolution shall be taken not earlier than seven (7) days from the first vote which

Verżjoni Elettronika



shall also require the votes of not less than two-thirds of all the members of the House, and if at the second vote the Resolution is not supported by the votes of not less than two-thirds of all the members of the House, a third vote on the Resolution shall be taken not earlier than seven (7) days from the second vote and at the said third vote the Resolution shall be approved provided that it is supported by the majority of the votes of all the members of the House, and in this case the President of Malta shall act according to the Resolution as approved:

Provided further that when a second or a third vote are to be taken, new candidates for the office of Commissioner may, through an amendment of the original motion, be nominated together with or instead of any other nominated candidates, before the taking of the second and before the taking of the third vote:

Provided further that when a person who is not a member of the House is elected to be the Speaker of the House, the said person shall not be considered to be a member of the House for the purpose of establishing the majority required by this article.".

---

Passed by the House of Representatives at Sitting No. 82 of the 30th January, 2023.

ANĠLU FARRUGIA
*Speaker*

RAYMOND SCICLUNA
*Clerk of the House of Representatives*

Verżjoni Elettronika

**Ippubblikat mid-Dipartiment tal-Informazzjoni (doi.gov.mt) — Valletta — *Published by the Department of Information (doi.gov.mt) — Valletta***
**Mitbugħ fl-Istamperija tal-Gvern fuq karta FSC — *Printed at the Government Printing Press on FSC certified paper***

**Prezz/*Price***
**€0.36**